**Ikun Imfaħħar Ġesù Kristu**

**FRAR 2008** **NUMRU 229**

## Lill-Presidenti, Assistenti Ekkleżjastiċi u Membri.

Fix-xhur li għaddew kellimtkom fuq meta aħna mhux biss bħala nsara imma iżjed bħala membri ta' l-Azzjoni Kattolika, niddeterminaw li nagħmlu pass quddiem fil-ħajja spiritwali tagħna. Jinħtieġ li nidħlu fina nfusna nistaqsu . . . "Jien bħala nisrani jew nisranija, kuntent bil-ħajja spiritwali li qed ngħix jew nipprova li nimxi 'l quddiem? Nafu li fil-ħajja spiritwali m'hemmx waqfien? Kuntenti billi nħobbu lil Alla bil-minimu? Ilna tant nattendu għal laqgħat, irtiri u attivitajiet reliġjużi, kuntenti billi nibqgħu indifferenti jekk nagħmlux progress 'l quddiem?

Dak li San Pawl jgħid lill-Insara ta' Korintu 'tħeġġu għad-doni spiritwali' (1 Kor:14:1), għadu jgħodd għal kull nisrani. Irridu niftakru li dejjem għandna nkunu mħeġġin bl-imħabba lejn Alla, li ma tafx tieqaf u tgħid biżżejjed. Fil-ħames għamajjar tal-Kastell Interjuri ta' Santa Tereża rajna kif ir-ruħ titgħallem titlob tajjeb, tkun qed tikber fl-imħabba ta' Alla.

U wara ħafna talb tajjeb, sagrifiċċju u perseveranza, ir-ruħ tipprova tidħol fis-sitt għamara (kamra). Issa r-ruħ tgħallmet tiggosta titlob, iktar tiftakar fil-preżenza ta' Alla, u tikber fix-xewqa li dejjem tħobb lil Alla.

Meta r-ruħ tidħol fiha nfisha (il-kastell) fis-sitt kamra wara tant taħbit, issa tibda tiggosta s-skiet . . ġabra . . mħabba u kif id-dudu tal-ħarir jidħol fil-fostqa . . . imut fiha . . u jinbidel f'farfett sabiħ, ħafif li jtir 'l fuq . . .hekk ir-ruħ tmut għad difett . . tinbidel f'ruħ li trid titla' dejjem 'l fuq lejn Alla. Dan ma jfissirx li laħaq il-perfezzjoni jew li akkwistat lil Alla, iżda dejjem tikber fl-imħabba ta' Alla u tal-proxxmu, tieħu gost li tumilja ruħha u tipprova tagħmel id-dmir tagħha mill-aħjar li tista' . . . Hawn il-Mulej jitfa' grazzi kbar fuq ir-ruħ.
(inkomplu darb'oħra)

---

San Pawl bil-ħidma kollha tiegħu għal Ġesù qatt ma ħassu li hu indispensabbli. Ħalla warajh mexxejja oħra biex jieħdu ħsieb il-Knisja u Timotju kitiblu " Iż-żmien tiegħi wasal. Tqabadt it-taqbida tajba u temmejt il-ġirja tiegħi" Tim 4:6. Kemm hu tajjeb li jiena li qed nikteb u int li qed taqra, tifhem li għandek tħejji għal warajk mexxejja, u int taħseb fit-tmiem tiegħek . !!!

---

Qatt m'għandkom tmorru għal laqgħa mingħajr ma tkunu ppreparajtuha tajjeb . . . u tafu x'se tagmlu . . . ma jkun qatt li taħsel idejk u tgħid li ma tafx . . . itgħallem u tkun taf. . .
**P.Damian Cachia O.Carm Ass. Ekkl. Ġenerali**

# MADWARNA

Tajna bidu għal sena sabiħa kemm għall-Knisja kif ukoll għall-Azzjoni Kattolika.

Fit-30 ta' Diċembru tal-1988, jiġifieri 20 sena ilu, il-Papa Ġwanni Pawlu II ippubblika l-Eżortazzjoni Appostolika *Christifideles laici.* Din l-Eżortazzjoni Appostolika hija ta' sinifikat kbir għall-lajċi għaliex permezz tagħha l-Papa għaraf l-importanza li l-lajċi għandhom fil-ħidma tal-Knisja u stieden lill-lajċi biex "jieħdu parti attiva, konxenzjuża u responsabbli fil-missjoni tal-Knisja f'dan il-mument kbir ta' l-istorja".

Din hija wkoll is-sena Pawlina u allura hi sena ta' importanza kbira għall-Knisja universali u b'mod partikolari għall-Knisja f'Malta.

L-Azzjoni Kattolika qegħda tiċċelebra l-għoxrin sena minn mindu waqqfet il-Forum Internazzjonali ta' l-Azzjoni Kattolika. Dan il-Forum jgħaqqad flimkien lil dawk kollha li laqgħu s-sejħa tal-Papa Piju XI biex f'kull Djoċesi titwaqqaf l-Azzjoni Kattolika.

Dan kollu se jiġi ċċelebrat matul konferenza li se ssir f'Ruma bejn il-Ħadd 27 u l-Erbgħa 30 ta' April 2008. It-tema tal-Konferenza se tkun:
"Għall-Ħajja fid-Dinja (Gw. 6.51). Il-Lajċi fl-Azzjoni Kattolika 20 sena wara l-*Christifideles Laici"*

Kullħadd mistieden għal din il-Konferenza. Aktar dettalji jingħataw mill-presidenti tal-fergħa tagħkom.

F'Ottubru se jkun hemm Sinodu Internazzjonali ta' l-Isqfijiet dwar "il-Kelma ta' Alla fil-Ħajja u fil-Missjoni tal-Knisja". Il-Papa Pawlu VI ħass il-bżonn li minn żmien għal żmien l-Isqfijiet jiltaqgħu biex jistudjaw tema. Din l-użanza baqgħet ħajja sal-lum.

Josef Debono, għalliem u membru attiv taż-ŻAK applika u ġie magħżul mill-Gvern biex igawdi minn skema li tippermetti lill-ħaddiema tal-Gvern jaħdmu għall-perjodu definit ma' NGO waqt li jibqgħu jirċievu il-paga tagħhom mingħand il-Gvern. Matul dan iż-żmien Josef se jkun qiegħed jaħdem biex ikabbar il-kuntatti internazzjonali li għandhom iż-ŻAK u biex iż-ŻAK ikunu jistgħu jagħmlu użu aħjar minn programmi ta' l-Unjoni Ewropea għaż-Żgħażagħ. Josef u l-mara tiegħu jieħdu ħsieb diversi gruppi taż-żgħażagħ. Dan ix-xogħol se jkompli jagħmlu b'mod volontarju. Nawgurawlu kull suċċess.

**Joyce Pullicino, President Ġenerali**

## ATTIVITAJIET TA' L-AZZJONI KATTOLIKA MATUL IX-XAHAR TA' JANNAR 2008

| | | |
|---|---|---|
| 1 - 3 Frar | **ŻAK** | Live-in ŻAK Siġġiewi. |
| 3 Frar | **Fergħa Xebbiet Adulti** | High Tea |
| 4 Frar | **ŻAK** | Laqgħa ta' formazzjoni għal leaders f'Birkirkara fit-20:30. |
| 7 Frar | **Kummisjoni Ħidma Morda** | Forum għas-sidien ta' karrozzi, delegate u distributuri. |
| | **Fergħa Xebbiet Adulti** | Kunsill Ċentrali fis-18:00. |
| | **Membri kollha** | Siegħa adorazzjoni organiżżata mill-Azzjoni Kattolika ġos-Seminarju mill-17:30 sas 18:30. |
| 8 - 10 Frar | **Direttorju** | Ser jinżamm irtir magħluq. Iżjed dettalji jingħataw l-quddiem. |
| 10 Frar | **ŻAK** | Support group. |
| | **Fergħa Rġiel** | Rtir fil-Knisja tal-Vitorja l-Belt. |
| 11 Frar | **Kummisjoni Ħidma** | Ġurnata ddedikata lill-morda. |

| | | |
|---|---|---|
| | **Morda** | |
| | **Fergħa Nisa** | Eżerċizzi għar-Romol taċ-ċirkoli kollha. |
| | **ŻAK** | Laqgħa ta' formazzjoni għal leaders f'Birkirkara fit-20:30. |
| 12 Frar | **Fergħa Nisa** | Eżerċizzi għar-Romol taċ-ċirkoli kollha. |
| 13 Frar | **Kummisjoni Ħidma Morda** | Eżekuttiv fis-18:00. |
| | **Fergħa Nisa** | Eżerċizzi għar-Romol taċ-ċirkoli kollha. |
| | **Għalliema** | Kors ta' Spiritwalità LaSaljana fis-18:00. |
| 14 Frar | **Fergħa Nisa** | Kunsill Ċentrali fid-9:30. |
| | **Fergħa Xebbiet Adulti** | Laqgħa għal membri kollha fis-18:00. |
| 18 Frar | **Fergħa Rġiel** | Kunsill Ċentrali fil-17:30. |
| 20 Frar | **Għalliema** | Laqgħa tal-Kunsill fil-17:30. |
| 21 Frar | **Fergħa Nisa** | Skola ta' l-Appostolat – Kumitati taċ-Ċirkoli kollha f'Sala Mons Gonzi fid-9:30. |
| 22 Frar | **Direttorju** | Laqgħa fis-18:00 fid-direttorju, l-Istitut Kattoliku. |
| 22 - 24 Frar | **ŻAK** | Seminar ta' weekend għal dawk il-leaders li għalqu 20 sena. Il-weekend jikkonsisti f'laqgħat, ppjanar, eċċ. |
| 27 Frar | **SAS** | Laqgħa tal-Kunsill fis-18:00. |
| 28 Frar | **Fergħa Nisa** | Laqgħa formattiva. |

## SEGRETARJAT ASSISTENZA SOĊJALI TA' L-AZZJONI KATTOLIKA

Il-Ġimgħa ta' Sagrifiċċju din is-sena se ssir bejn l-14 u l-21 ta' Marzu 2008.
It-tema magħżula għal din is-sena hi **"Għażilna li nagħtu Kas . . .u Int ? "**

Jekk aħna nsara tfisser li f'ħajjitna għamilna wkoll għażla li nagħtu kas tal-bniedem fil-bżonn.

Dan hu għalhekk il-messaġġ li se nwasslu din is-sena fost il-poplu Malti.
F'ħarġa oħra jkun hemm aktar dettalji. Sadattant il-membri kollha ta' l-Azzjoni Kattolika huma mħeġġa jitolbu biex joħroġ il-ġid minn din l-attività u fil-laqgħat taċ-Ċirkoli tibda ssir il-preparazzjoni għaliha.

---

## Servizz bil-Minibuses

Nixtiequ nappellaw b'mod partikulari lil dawk il-Parroċċi li qatt s'issa ma għamlu użu minn dan is-servizz. Araw fil-Parroċċa fejn hemm anzjani li ma joħorġux minħabba l-Kundizzjoni tagħhom. Ibbukkjaw ħarġa biex huma wkoll iħossuhom parti mill-Komunità.Ċemplu fuq 21226920 u ħallu MESSAĠĠ fuq l-*Answering Machine* u s-Sur Theuma jċempel lura hu stess jew fuq il-*Mobile* No: 99452768 (Joe Theuma Driver). F'każ ta' diffikultà ċemplu l-Uffiċċju SAS: 21220286 u agħmlu l-*booking* tagħkom.

## JUM il-Ħajja 2008 ĊELEBRAZJONI TAL-ĦAJJA

Moviment għad-Drittijiet,
Protezzoni u Żvilupp tat-Tarbija li se Titwieled
Nieħu Ħsiebek Jien - Malta
Is-Sibt 2 ta' Frar 2008 fil-11 ta' filgħodu
Fl-Istpar Mater Dei

Tqegħid ta' Irħama Kommemorattiva u
Tħawwil tas-Siġra tal-Ħajja
Mill-Moviment għat-Tarbija li se Titwieled

Biex ikun imfakkar l-Ewwel Charter tal-Moviment dwar it-Tarbija li se Titwieled

JUM il-Ħajja 2008 ĊELEBRAZJONI TAL-ĦAJJA, Il-Ħadd 3 ta' Frar, 2008 fil-Mosta

10.00 a.m. Quddiesa Konċelebrata fil-Knisja Parrokkjali - Mons Arċisqof
10.45 a.m. Mixja - Mill-Pjazza sal-Monument lit-Tarbija li se Titwieled
11.30 a.m. Manifestazzjoni favur il-Ħajja - Ħdejn il-Monument fil-Mosta
Ma' Ommijiet u Missierijiet li se Jwelldu Tarbija Bis-Sehem ta' l-Għaqdiet ċivili u Reliġjużi
Organizzata mill-Moviment Malti dwar it-Tarbija li se Titwieled - 44 Għaqda Maltin
Imexxu - Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali u Kulleġġ tal-Kappillani - Għaqdiet
Fil-Moviment.

RADJU MARIJA

Infakkrukom li l-Programm ta' l-Azzjoni Kattolika "Mill-Ħuġġieġa" fuq Radju Marija jixxandar kull nhar ta' Tnejn bejn il-11.00 a.m. u nofs in-nhar b'ripetizzjoni nhar ta' Tlieta f'nofs il-lejl,(sbieħ l-Erbgħa).

Adorazzjoni Ghal Vokazzjonijiet

Fis-Seminarju tal-Virtù, Rabat, kull l-ewwel Ħamis tax-xahar, qegħda tiġi organizzata ġurnata ta' talb quddiem Ġesù Sagramentat bis-sehem ta' diversi gruppi minn madwar Malta. Għall-Azzjoni Kattolika ġie allokat il-ħin bejn il-5.30 p.m. u s-6.30 p.m. L-iskop huwa li nitolbu għall-Vokazzjonijiet saċerdotali u għall-ħajja kkonsagrata. Qegħdin nagħmlu sejħa liċ-Ċirkoli biex jagħżlu xi xahar partikolari li fih joffru li jmorru jgħaddu siegħa ma' Ġesù Sagramentat.
Min jixtieq imur iċempel lil Mrs. C. Agius Delicata fuq tel:- 21238851. Inħeġġu lil kull min jista' biex jattendi.

**Eżerċizzi Spiritwali Għar-Romol**

**Il-Kummissjoni Romol tal-Fergħa Nisa ta' l-Azzjoni Kattolika qed torganizza tliet ijiem Eżerċizzi għar-Romol kollha fis-Sala Mons. Dandria, Fl-Istitut Kattoliku Floriana, nhar it-Tnejn 11, it-Tlieta 12 u l-Erbgħa 13 ta' Frar 2008. Nibdew bil-quddiesa fid-9.30 a.m. sal 11.00 a.m. Imexxi Fr Tony Sciberras M.S.S.P. Ir-Romol kollha huma mħeġġa li ma jitilfux din l-opportunità spiritwali li qed joffrilhom il-Mulej.**

## KUMMISSJONI ĦIDMA GĦALL-MORDA U PERSUNI B'DIŻABILITÀ

Il- Programm 'Solidarjetà' li jixxandar fuq Radju Malta kull nhar ta' Ħadd, fix-xahar ta' Frar se jixxandar f'dawn id-dati :-3, 10, 17 u 24 fit-8.30 p.m.
Nhar il-Ġimgħa 1 ta' Frar - Forum Annwali għall-*car owners*, delegati morda u distributuri tal-Faraġ.
Kelliem :- Fr Ivan Scicluna, Kappillan ta' Santa Lucia (Inħeġġu għal attendenza).
Ħin : - fis-6.00 p.m fis-Sala Mons Dandria, Istitut Kattoliku, Floriana.

11 ta' Frar:- Jum il-Marid mad-Dinja kollha. Niftakru f'dan il-jum, nitolbu għal ħutna morda u anke inżuruhom !

## Fergħa Xebbiet Adulti

Frar huwa x-xahar ta' San Pawl, Missier il-Maltin, Nitolbuh iżomm idejh fuq Malta tagħna minn kull ħsara u deni.

**GRUPPI KOPPJI MIŻŻEWĠIN**

Grupp Koppji Miżżewġin Rabat Żjara lis-Saċerdoti fid-Dar tal-Kleru, B'Kara
Meta : Il-Ħadd, 24 ta' Frar 2008.
Carmen u Joe Agius Delicata

JUM IL-LAJĊI NSARA 2008
"L-Identita' tan-Nisrani:
- Ħobb lil Alla b'qalbek kollha
- Ħobb lil għajrek bħalek innifsek"
STEDINA

Laqgħa Ma' l-Arċisqof
Mons Pawlu Cremona O.P.
Għal lajċi membri fl-Għaqdiet u l-Movimenti,
U għal-lajċi impenjati fil-ħidma pastorali fil-Parroċċi, fil-ħidma f'Kunsilli, Segretarjati u Kummissjonijiet Djoċesani, fl-Amministrazzjoni fil-Kurja, u fil-Gruppi għall-Implimentazzjoni għall-Sinodu fl-Iskejjel

IL-Ħamis 21 ta' Frar fis-6.30 p.m.
Fid-Dar Ċentrali tal-MUSEUM, Blata l-Bajda

**Librerija Azzjoni Kattolika – Floriana**

**Wieħed isib:**

**Kull tip ta' kotba reliġjuzi bil-Malti u bl-Ingliz – għall-kbar u għat-tfal, kotba ta' interess ġenerali, oġġetti reliġjuzi – statwi, ikoni, santi, stationery, rigali u ħafna affarijiet oħra.**



**Jistaw jinxtraw ukoll 'Book Tokens' u 'Gift Vouchers'.**

**Ħinijiet tal-Ftuħ: Matul il-ġimgħa: - 9.00 ta' filgħodu sa nofsinhar**
**4.00 sas-7.30 ta' filgħaxija**
**is-Sibt filgħodu biss**



**Tel: 21 237031**

**Għalhekk ixtri ir-rigali tiegħek min din il-Librerija u barra lit kun qed tagħti rigal mill-qalb tkun qed tgħin lil Azzjoni Kattolika Maltija fil-ħidma tagħha.**

**NOTA:**

**DAWK IĊ-ĊIRKOLI, FERGĦAT, MOVIMENTI U KUMMISSJONIJIET LI GĦADHOM MA BAGĦTUX IR-RENDIKONT GĦAS-SENA 2007 HUMA MITLUBA LI JAGĦMLU DAN SAL-15 TA' FRAR 2008.**

**GRAZZI**
**NATALIE FARRUGIA**
**AMMINISTRATUR ĠENERALI**